**27 ta' Mejju, 1960**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Paolo Sammut

*versus*

Carmela Micallef et.

**Spoll — Tolleranza — Art. 563 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-fatti ammontanti għal spoll jikkostitwixxu attentat għall-ordni publiku u għat-trankwillità soċjali, u għalhekk jirrivestu karattru kriminus u jimplikaw responsabbiltà personali u ndividwali. Jekk ebda prova ma ssir ta' din ir-responsabbiltà, il-konvenut, li lilu jiġi addebitat l-ispoll, għandu jiġi meħlus mid-domanda.*

*Min ikun qiegħed igawdi benefiċċju b'tolleranza ma għandu ebda titolu ħlief il-kunsens tal-proprjetarju, li jista' jirtira dan il-permess meta jrid; u għalhekk ma għandu ebda dritt jaġixxi biex jafferma l-eżerċizzju ta' dak il-benefiċċju. Imma t-tolleranza ma għandhiex tiġi preżunta, u għandha tiġi pruvata, almenu "prima facie"; u l-piż ta' din il-prova jinkombi fuq min jallega t-tolleranza. Fin-nuqqas tal-prova tal-allegata tolleranza tibqa' favur min jallega l-ispoll; l-eżistenza ta' pussess jew detenzjoni tutelabbli mil-liġi.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu jikri minn għand il-konvenuti l-fond numru 1, Alley I, Old Doni Street, Rabat, bid-dritt li juża għall-bżonnijiet tiegħu, u li jqiegħed fih il-motorcycle tiegħu, ċertu passaġġ mikxuf li jiġi bejn il-fond tiegħu u dak adjaċenti okkupat mill-istess konvenuti; liema passaġġ jagħti għall-bitha ta' dan l-aħħar fond, li minnu wkoll l-attur għandu dritt jgħaddi; illi f'din il-lokazzjoni huwa kompriż l-ispazju ta' taħt it-taraġ li jagħti għall-ambjenti mikrija lill-attur, f'liema spazju l-attur kien qiegħed xi oġġetti ta' proprjetà tiegħu; illi l-konvenuta Carmela Micallef, bil-konnivenza tal-konvenut l-ieħor, żewġha, vjolentement u okkultament ingumbrat b'mobbli u effetti oħra l-passaġġ mikxuf fuq imsemmi, b'mod li fih l-attur ma jistgħax iqiegħed iżjed il-motorcycle tiegħu, u minnu bilkemm jista' jgħaddi; u barra minn dan, neħħiet mill-imsemmi spazju ta' taħt it-taraġ l-oġġetti tal-attur li kienu hemm fih; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti li bl-egħmil tagħhom fuq imsemmi l-konvenuti kkommettew spoll vjolent u okkult għad-dannu tal-attur; (2) konsegwentement jiġu kundannati minn din il-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju jneħħu mill-passaġġ mikxuf fuq imsemmi l-għamara u l-effetti l-oħra li bihom ingumbrawh, u jerġgħu jqiegħedu f'posthom l-oġġetti tal-attur li rrimovew mill-imsemmi spazju ta' taħt it-taraġ; (3) u fin-nuqqas, sabiex jiġi reintegrat fid-detenzjoni tal-ambjenti predetti, jiġi awtorizzat minn din il-Qorti li a spejjeż tal-konvenuti, u inattiża kwalunkwe oppożizzjoni tagħhom, ineħħi

hu stess l-għamara u l-effetti l-oħra li qegħdin jingumbraw dak il-passaġġ *mikxuf u jerġa* jqiegħed l-oġġetti tiegħu f'dak l-ispazju ta' taħt it-taraġ. B'riżerva ta' kull dritt u azzjoni oħra, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni tal-lum stess, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta *illi, indipendentement mill-kwistjoni — li tibqa'* għal kollox impreġudikata — jekk l-attur kellux id-dritt li jagħmel l-użu pretiż mill-passaġġ u mill-gorbocc, huwa għandu jiġi reintegrat fil-pussess eskluživ tal-istess gorbocc u ta' spazju suffiċjenti mill-passaġġ mikxuf sabiex ipoġġi fih il-motorcycle tiegħu, tkun tista' ssir fih il-ħasla talħwejjeġ, jew almenu l-mogħdija minnu tal-banjijiet talħasla, u sabiex ikun hemm liberu aċċess għall-imsemmi gorbocc; u illi għal dan il-fini l-konvenuti għandhom ineħħu mill-passaġġ għamara suffiċjenti sabiex jitħalla liberu *l-ispazju fuq imsemmi;*

Illi, mentri l-attur ma jagħmel ebda riljev għar-relazzjoni peritali, il-konvenuti, fin-nota tagħhom fol. 63, issollevaw żewġ eċċezzjonijiet oħra, jiġifieri (1) illi fil-konfront tal-konvenut Domenico Micallef ma saret ebda prova li huwa kellu xi parti fil-pretiż spoll, (2) u illi l-użu tal-passaġġ u tal-gorbocc da parti tal-attur saru b'sempliċi tolleranza, u l-privazzjoni jew diminuzzjoni ta' dak l-użu ma tagħtix lok għall-azzjoni possessorja relattiva;

Illi, kwantu għall-konvenut, ma jirriżultax illi l-fatti addebitati fiċ-ċitazzjoni saru minnu jew bil-konkors tiegħu; u billi dawk il-fatti, għall-fini tal-ispoll, jikkostitwixxu attentat għall-ordni publiku u għat-trankwillità soċjali, kif sewwa jingħad fin-nota fol. 63, għalhekk jirrivestu karattru kriminus u jimplikaw responsabbiltà personali u ndividwali; u billi ebda prova ma saret ta' din ir-responsabbiltà, il-konvenut għandu jiġi meħlus mid-domandi dedotti fiċċitazzjoni;

Illi, rigward il-konvenuta Carmela Micallef, din tippretendi li kull ma għamlet setgħet tagħmlu, għaliex l-użu li kien jagħmel l-attur, barra biex jarmi l-ilma fid-W.C., kien b'sempliċi tolleranza, li teskludi fiha kull għamla ta' pussess (art. 563 Kod. Ċiv.). F'dan ir-rigward il-perit legali kkonkjuda (para. 11) illi "min jippermetti jew jittollera li persuna oħra tagħmel użu minn ħaġa jista' meta jrid, anki tul il-perijodu kontrattwali, jirrevoka dak il-permess jew dik it-tolleranza; iżda f'każ ta' oppożizzjoni da parti tal-użwarju, ma jistgħax minn rajh jimpedixxi jew jostakola dak l-użu, imma, jekk jidhirlu, għandu jirrikorri lill-ġustizzja. Din il-konklużjoni, però, ma hix konformi għall-prinċipji u għall-ġurisprudenza ormaj paċifika f'din il-materja "Colui che gode per tolleranza", josserva Laurent, "non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi può ritirare da un istante all'altro (Diritto Civile, Vol. XXXII, No. 297); u għalhekk "si è tutti concordi che non spetti azione di sorta, perchè non può parlarsi di un possesso qualsiasi" (Digesto Italiano, Reintegrazione (azione di), No. 14). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXXIII-I-55; XXXVI-I-292; u P.A. 3.11.1956 in re "Spiteri utrinque";

Illi t-tolleranza, kif inhu magħruf, ma għandhiex tiġi preżunta, u għandha għalhekk tiġi pruvata almenu "prima facie" (Kollez. XXXVI-I-292); u l-piż ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza, fil-każ tagħna fuq il-konvenuta; u din il-prova ma saretx;

Illi, dwar l-użu tal-passaġġ, irriżulta biżżejjed li millbidu tal-lokazzjoni l-attur kien iżomm fih il-motorcycle tiegħu, u l-mara kienet tagħmel il-ħasla (fol. 17, 29, 32, 33 u 40), fil-passaġġ għal xi żmien sa Awissu 1958, meta nqala' vit tal-ilma li kien hemm u li kien iservi anki għall-attur; kieku l-attur ma kienx iżomm il-motorcycle fil-passaġġ, kien ikollu iħallieh barra fit-trieq (fol 17). Minn dawn iċ-ċirkustanzi tidher eskluża l-allegata tolleranza;

Illi, kwantu għall-gorboċċ, apparti l-provi tal-attur li dan ġie kompriż fil-lokazzjoni (fol. 17, 28, 31 u 34), irri-

żulta mix-xhud Paolo Azzopardi, neputi tal-konvenuta li għamel żmien joqgħod f'parti tal-fond "de quo", illi l-attur, meta daħal, sab il-gorboċċ battal u beda jpoġġi fih laned tal-petrol u "spare parts" tal-motorcycle (fol. 37); u fil-fehma ta' din il-*Qorti* dawn *iċ-ċirkustanzi* jwaqqgħu l-pretiża tolleranza;

Illi ta' min josserva wkoll li l-użu tal-passaġġ u tal-gorboċċ sar żgur "in vista" tal-lokazzjoni stipulata mal-attur, u għalhekk *mhux* "gratuwitament", kif tfisser il-lokuzzjoni adoperata mill-art. 563 fuq ċitat. Jgħid Lanciotto Rossi, fil-waqt li jikkommenta l-art. 688 tal-Kodiċi Ċivili Taljan (analogu għall-art. 563 tal-Kodiċi Ċivili Malti), illi din id-dispożizzjoni "accenna ad atti di semplice tolleranza; ci sembra che l'aggettivo che qualifica la tolleranza implichi, in modo da escludere ogni dubio, la gratuità, che del resto è implicato nella tolleranza" (*Digesto* Italiano, Possesso, §376, nota la. in calce). Di pjù, mhux ta' min jinjora l-prinċipju illi l-atti ta' tolleranza huma dawk li jitħallew isiru, kif jgħid Pacifici Mazzoni, "attesa la mancanza u la tenuità apprezzabile del danno" (Istituzioni III, no. 15) — ħaġa li ma tirrikorrix fil-każ taħt eżami. Fl-aħħarnett, ma ġiex pruvat illi l-attur, biex jagħmel l-użu "de quo", qatt talab il-permess tal-konvenuta;

Illi, fin-nuqqas ta' provi tal-allegata tolleranza, tibqa' favur l-attur l-eżistenza ta' pussess jew detenzjoni tutelabbli mill-liġi;

*Illi* mhux kontestat mill-konvenuta li hija poġġiet l-għamara fil-passaġġ "de quo" u ħarġet mill-gorboċċ l-oġġetti li kien poġġa fih l-attur; u dan mingħajr il-kunsens tal-istess attur;

Illi, kwantu għaż-żmien li fih ġiet esperita l-azzjoni, il-Qorti *taqbel mal-perit*, u hija tal-fehma li l-kawża saret fiż-żmien preskritt mill-liġi; del resto, il-konvenuta ma qanqlet fuq daqshekk ebda kontestazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja fil-limiti tal-konsiderandi ta' din is-sentenza;

Tiċħad it-talbiet in kwantu diretti kontra l-konvenut Domenico Micallef, bl-ispejjeż relattivi kontra l-attur;

U tilqa' dawk it-talbiet fil-konfront biss tal-konvenuta Carmela Micallef; u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġilha tmien tijiem żmien mill-lum; u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jagħmel dak li jifforma l-oġġett tat-tieni talba; l-ispejjeż relativi jitħallsu mill-konvenuta.